ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

Il-ĦDAX-IL SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Option) L-ISKEMA TAL-MARKI

TAQSIMA A	MARKI	TWEĠIBA *Eżempji oħra rilevanti għandhom jiġu aċċettati.*
1	2,2,2 (6)	**Globalizzazzjoni** huwa l-proċess ta' interazzjoni u integrazzjoni bejn nies, kumpaniji u gvernijiet madwar id-dinja. **Kummerċ globali** huwa l-bejgħ u xiri ta' prodotti u servizzi bejn diversi pajjiżi madwar id-dinja. **Esportazzjoni** sseħħ meta jkun hemm bejgħ ta' prodotti minn pajjiż għal pajjiż ieħor. Eżempju meta Malta tesporta prodotti bħall-patata lejn l-Olanda.
2	2,2 (4)	*Tnejn minn:* • Nuqqas ta' xogħol f'ħafna oqsma; • Nuqqas ta' turiżmu; • L-ekonomija ħadet daqqa ta' ħarta peress li ftit kien qed ikun hemm infiq fuq prodotti/servizzi mhux essenzjali; • Pressjoni żejda fuq is-sistema tas-saħħa.
3	5	L-iżvilupp teknoloġiku huwa marbut ma' oqsma oħra u b'hekk jinfluwenza l-aspetti soċjali u ekonomiċi, eżempju: • ikun hemm avvanzi fis-saħħa; • ċertu xogħol sar aktar faċli sabiex isir; • komunikazzjoni aktar effettiva; • bidla fil-passatempi u l-mod kif jiġi mqatta' l-ħin liberu; • xiri *online.*
4	2,2,2 (6)	*Tlieta minn:* • Solidarjetà internazzjonali; • Suq ħieles; • Aktar varjetà ta' prodotti fil-ħwienet lokali; • Vjaġġar aktar frekwenti; • Ħolqien ta' kummerċ ġust; • Ħolqien ta' soċjetajiet multikulturali; • Użu effettiv tal-mass midja; • Komunikazzjoni tasal aktar malajr.
5	2,2 (4)	**Kummerċ ħieles** huwa forma ta' kummerċ mingħajr indħil fuq importazzjoni (bħal tariffi u kwoti), prezzijiet, u fuq provista u talba.

		Kummerċ ġust huwa forma ta' kummerċ fejn il-produtturi jitħallsu bi prezz ġust għax-xogħol u prodotti li jipprovdu. Dan jagħti ċ-ċans li jiġu protetti d-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema.
TOTAL	**25 MARKA**	

TAQSIMA B	MARKI	TWEĠIBA
1	2,1,1 (4)	**Sterjotipi tal-ġeneru** huma perċezzjonijiet li jikkategorizzaw lin-nisa u lill-irġiel skont irwoli li tkun qed tistenna minnhom is-soċjetà. Is-soċjetà tistenna li n-nisa jaġixxu b'ċertu mod filwaqt li tistenna lill-irġiel jaġixxu mod ieħor, eżempju: • l-irġiel għandhom joħorġu għax-xogħol (ikunu l-breadwinners tal-familja); • in-nisa jibqgħu d-dar inaddfu u jieħdu ħsieb t-tfal (ikollhom ir-rwol ta' caregivers).
2	4	**Il-feminiżmu** huwa moviment soċjali u politiku li jaħdem sabiex ikun hemm l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u soċjali. Il-feminiżmu jibbaża fuq l-idea li s-soċjetà tagħti aktar prijorità lill-irġiel u b'hekk in-nisa jiġu ttrattati b'mod inġust. Il-feminiżmu jaħdem biex ikisser l-isterjotipi filwaqt li jinħolqu opportunitajiet u jkun hemm drittijiet ugwali għan-nisa daqs dawk tal-irġiel.
3	1,4 (5)	Iva, żdiedet l-ugwaljanza fil-qasam edukattivi għall-istudenti ta' ġeneri differenti: • l-istudenti kollha jsegwu l-istess programm ta' edukazzjoni obbligatorja; • kull suġġett jista' jintgħażel mill-istudenti kollha; • hemm numru sabiħ ta' gradwati universitarji f'korsijiet li fil-passat kienu dominati mis-sess oppost.
4	2,2,2 (6)	In-nisa għadhom jiġu assoċjati mad-dar u mat-tfal. B'hekk ċertu sidien jibżgħu li jħaddmu n-nisa jew jagħtuhom kariga għolja għax: • jibżgħu li jittieħed il-leave ta' maternità; • jibżgħu li se jittieħed ħafna sick leave u leave biex ilaħħqu mal-bżonnijiet tat-tfal; • jibżgħu li ma jkunux kapaċi jaħdmu *overtime* jew imorru għal taħriġ barra minn Malta.
5	2,2,2 (6)	*Tlieta minn:* • Servizzi ta' *childcare;* • *Breakfast* club u/jew Klabb 3-16; • *Flexihours* fuq il-post tax-xogħol; • *Reduced Hours* mill-post tax-xogħol; • Opportunitajiet ta' *teleworking.*
TOTAL	**25 MARKA**	

TAQSIMA C	MARKA	TWEĠIBA
1	25	Il-Gvern Ċentrali mhux possibbli jlaħħaq mal-manteniment kollu tal-lokalitajiet u dan wassal għall-ħolqien ta’ gvernijiet lokali. Fil-bidu tagħhom fl-1993 il-Kunsilli Lokali ngħataw ftit responsabbiltajiet iżda llum il-ġurnata ix-xogħol u r-responsabbilità dejjem qed tiżdied. Jieħdu ħsieb l-infrastruttura tal-lokalità, joffru servizzi ta’ għajnuna lin-nies tal-post, iħaddmu nies li jnaddfu t-toroq u jiġbru l-iskart, joffru *day centres* għall-anzjani, kif ukoll attivitajiet u korsijiet għall-membri tal-komunità, jieħdu ħsieb il-libreriji tal-lokal, ħruġ ta’ permessi kif ukoll *bye-laws* fejn hemm bżonn. Permezz tal-kunsilli lokali naraw deċentralizzazzjoni tal-poter, aktar responsabbilità u impenn kif ukoll aktar trasparenza u effiċjenza. *Eżempji oħra rilevanti għandhom jiġu aċċettati.*
2	25	It-trejd unjins huma għaqdiet li jaħdmu favur id-drittijiet tal-ħaddiema. Huma jħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema, jaħdmu biex jitjiebu l-pagi u jiżguraw kundizzjonijiet aħjar fuq il-post tax-xogħol. Bħala trejd unjin jaħdmu mal-management biex jiftehmu dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u fejn ikun hemm ftehim jiġi ffirmat ftehim kollettiv. Jekk ma jintlaħaqx ftehim, l-unjin tista’ tordna azzjonijiet industrijali biex dawn id-drittijiet dejjem jiġu mħarsa. Il-koperattivi wkoll huma għaqdiet tal-ħaddiema. Dawn huma msejsa fuq il-prinċipju li fl-għaqda hemm is-saħħa. F’koperattiva l-impriża kummerċjali tkun kollha kemm hi tal-ħaddiem, fejn huma jaħdmu flimkien ħalli jtejbu l-pożizzjoni soċjali u ekonomika tal-membri. Il-ħaddiema bejniethom jaqsmu l-profitti u l-benefiċċji ġġenerati mill-koperattiva. *Eżempji oħra rilevanti għandhom jiġu aċċettati.*
3	25	Iċ-ċittadinanza tagħmlek membru ta’ stat. Permezz taċ-ċittadinanza, ċittadin igawdi minn bosta drittijiet li jkunu definiti mil-liġi u jkollu dmirijiet lejn ċittadini oħra. Xi drittijiet: • Dritt tal-vot • Dritt tal-assoċċjazzjoni • Dritt tax-xogħol • Dritt li jressaq petizzjonijiet • Dritt għall-protezzjoni • Libertà tal-moviment u residenza • Dritt għas-servizzi soċjali

		Xi dmirijiet: • Dmir li tivvota • Dmir li tħares il-liġi • Dmir li tgħin lill-pulizija fejn meħtieġ • Dmir li jiġi rreġistrat kull twelid, mewt u żwieġ • Dmir li tħallas it-taxxa • Dmir li tieħu ħsieb l-ambjent *Eżempji oħra rilevanti għandhom jiġu aċċettati.*
4	25	It-terminu **żvilupp sostenibbli** jirreferi għall-mod kif aħna, il-ġenerazzjoni tal-lum, naqdu l-bżonnijiet u x-xewqat tagħna mingħajr ma nagħmluha diffiċli jew impossibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri li jiksbu l-bżonnijiet u x-xewqat tagħhom. Waħda mill-isferi li hemm bżonn li nieħdu ħsieb huwa li nibżgħu għar-riżorsi naturali. Ħafna mir-riżorsi naturali ma jiġġeddux, li tfisser li ladarba tispiċċa r-riżerva tagħhom, mhux ser inkunu nistgħu ngawdu aktar minn dak ir-riżors. X'jista' jsir? • Użu ta' enerġija alternattiva bħal dik tax-xemx jew tar-riħ minflok l-fjuwils fossili. • Tintuża ġebla riċiklata. • Innaqqsu mill-użu tal-minjieri għat-tħaffir tal-faħam u ħaġar prezzjuż. • Jinżergħu siġar ġodda għal kull siġra li tiġi maqtugħa. • Nibżgħu għall-art agrikola. • Nibżgħu għall-foresti. • Naddottaw it-3R's – reduce, reuse, recycle. • Ninkoraġġixxu ekonomija ċirkulari. *Eżempji oħra rilevanti għandhom jiġu aċċettati.*
5	25	It-tniġġis għandu effett negattiv immens għax iħarbat il-bilanċ ambjentali kif ukoll ikollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Huwa l-bniedem innifsu li jipproduċi ammonti kbar ta' tniġġis. L-akbar forom ta' tniġġis huma: • Tal-arja – emissjonijiet mill-karozzi u fabbriki qed jikkawżaw tniġġis kbir li xi kultant iwassal anki għal smog. Dan qed jikkawża ħafna problemi ta' saħħa bħal allerġiji, asthma, kanċer tal-pulmun, eċċ. • Tal-ilma – meta żjut, kimiċi, drenaġġ, skart jiġi mormi fix-xmajjar u fil-baħar. Dan kollu jikkontamina bajjiet sħaħ, u jkun ta' periklu kemm għall-annimali kif ukoll għan-nies. • Skart - mormi kemm fil-landfills kif ukoll barra jkerrah l-ambjent kif ukoll ikollu effett fuq is-saħħa. Bħala skart nistgħu nsemmu żibel u *bulky refuse*, skart tossiku u kimika.

		• Tal-ħamrija – tista' tiġi kkontaminata minn kimiċi, pestiċidi kif ukoll xita aċiduża. Dawn kollha jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem. • Tad-dawl –dwal mixgħula lejl u nhar ikollhom effett fuq il-biorythm tal-persuni kif ukoll fuq annimali speċjalment dawk notturni. • Tal-ħoss – storbju eċċessiv u fuq medda ta' żmien minn makkinarju, postijiet bħal mitjar jew stazzjon tal-ferrovija, fabbriki, postijiet ta' divertiment, kollha jwasslu biex tiġi affettwata l-kwalità tal-ħajja tal-persuni. *Eżempji oħra rilevanti għandhom jiġu aċċettati.*
TOTAL	**50 MARKA**	

Total: 100 Marka